Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 36– L-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

36.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

36.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**36.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

36.3.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal Premju EDEN li bħala Kunsill ikkwalifikajna fit-tieni post permezz tal-proġett Bethlehem f'Għajnsielem. Iċ-ċerimonja ser issir nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar filgħodu u għaliha mistednin is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku rrefera għall- filmat li ser isir bħala *feature* ta' Għajnsielem akkumpanjat bi *script* li ser jintuża fil-konferenza tal-premjazzjoni. Huwa rrefera għal fatt li s-sena d-dieħla ser issir konferenza u bħala *runners-up* ser inkunu mistiedna għaliha bħala Kunsill.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

36.4.1 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex jitnaddaf il-passaġġ li minn fejn quddiem il-Grand Hotel jagħti lejn ix-Xatt. Kullma jinħtieg isir huwa tindif u żbir ta' siġar li qed jostakolaw il-passaġġ biss. Sar qbil li għandna ngħaddu dan ix-xogħol lill-ġardinar tagħna.

36.4.2 Il-kunsillier Caruana wkoll irrefera għal-kuntratt tal-knis u għal fatt li rċieva lmenti li fi Triq iż-Żewwieqa qatt ma huma qed imorru jikinsu. Sar qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni biex tinkines kollha kemm hi regolarment.

36.4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa dwar f'hiex waslet l-installazzjoni tal-bozza li kienet inqalgħet mill-Pjazza ħdejn ta' Bufajra. Il-bozza issa ser teħel mal-Boutique Hotel li għada kemm telgħet. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Portelli Projects biex inwaħħluha ma' din il-lukanda kemm jista jkun malajr.

36.4.4 Il-Viċi Sindku irrefera wkoll għad-*double yellow lines* li hemm fi Triq il-Gudja fil-kantuniera ma' Triq Sant'Antnin u għal fatt li ma humiex qed jiġu rispettati u li speċjalment fil-weekends qed isir parkeġġ fuqhom b'detriment li qed ikunu ta' periklu għas-sewwieqa. Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-gwardjani lokali dwar dan.

36.4.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar il-lista pendenti ta' bankini f'liema stadju tinsab. Huwa rrefera ghal fatt li kkuntatju Antonia Azzopardi u staqsitu f'hiex waslet il-bankina taghha fil-lista. Is-Sur Buttigieg ikkonfermala li hija approvata izda minħabba li kellna ħafna xogħolijiet f'Bethlehem f'Għajnsielem waqajna ftit lura. Is-Segretarja kkonfermat li kullma hemm pendenti fil-lista tal-bankini huma dik ta' Antonia Azzopardi u Samantha Jo Xuereb. Sar qbil li x-xoghol fuq il-bankini ser jerga jinbeda minnufih u nistgħu nagħtu bidu għal din il-bankina.

36.4.6 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-preżentazzjoni tat-trophies tal-kompetizzjoni tal-Snooker ser issir nhar is-26 ta' Jannar 2018 fejn il-Kunsill huwa mistieden għal din is-serata.

36.4.7 Il-Viċi Sindku staqsa dwar x'sar minnu t-*tender* ta' Triq Hamri. Sar qbil li għandna niċċekjaw jekk tistax issir Triq Hamri waħidha fit-tender peress li fl-offerta maħruġa kienu magħqudin flimkien Triq Hamri u Triq iż-Żewwieqa. Is-Segretarja semmiet li jinħtieġ wkoll li niċċekjaw mal-WSC dwar jekk hux ser jgħaddu xi servizzi. Sadanitant il-kunsillier Pietru Caruana propona li l-flus li hemm tal-EIPP għandna nitolbu sabiex jiġu utilizzati għal Belvedere taż-Żewwieqa.

36.4.8 Is-Sindku rrefera għal fatt li hemm biċċa għalqa fi Triq Baħħara li qed tagħlaq l-aċċess għal kumplament tat-triq. Sar qbil li għandna nitolbu lil Gvern jintervjeni biex immexxu l-proċess li l-aċċess tat-Triq tinfetaħ kompletament.

36.4.9 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex tissewwa *fleud light* li tagħti għal fuq l-Għajn tal-Hasselin.

## 36.5 Korrispondenza u Rapporti

36.5.1 Ġiet trattata n-*No Objection* mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet sabiex jiġu mwaqqfa temporanjament strutturi fil-villaġġ tal-Milied bejn il-25 ta' Novembru u l-24 ta' Frar 2018 f'Ta' Passi, f'Għajnsielem.

36.5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand Francis Galea fejn talab sabiex isiru *double yellow lines* fuq kull naħa tal-*garage* tar-residenza tiegħu fi Triq Dun Frangisk Mizzi. Sar qbil li għandna napplikaw *one metre* fuq in-naħa tal-bieb biss għax ma tistax tpoġġi *double yellow lines* quddiem *garage*.

36.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand Sr. Margaret Vassallo sabiex issir *reserved parking* quddiem is-Sorijiet Agostinjani fi Triq Gleneagles, Għajnsielem. Sar qbil li għandna nressqu t-talba quddiem Transport Malta.

36.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand l-Arcipriet Frankie Bajada sabiex jittranġa l-*water culvert* ta' ħdejn il-Knisja l-Qadima peress li l-kanal kull darba qiegħed nieżel u qed iħabbat xħin jgħaddu il-karozzi u qed ikunu ta' nkonvenjent. Sar qbil li dan ix-xogħol għandu jsir imminenti billi tingħalaq it-triq għal ġurnata.

36.5.5 Ġie trattat l-ilment mingħand Loretu Mifsud rigward il-fatt li minn meta l -Kunsill naddaf Wied Simirat, xi snin ilu, il-gaffa qalgħet it-torba wara il-ħajt tiegħu u issa jinsab fil periklu li jaqa. Sar qbil li għandna nibgħatu Perit fuq il-post biex joħroġ bl-aħjar soluzzjoni bħala rimedju.

36.5.6 Ġiet trattata notifika ta' appell mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar rigward *outdoor seating area* lir-Royal Lady Bar, Triq Martino Garces, Għajnsielem.

36.5.7 Ġiet trattata l-istima ta' ħtieġa ta' pompa għal aktar pressa fl-ilma fl-uffiċju u l-premissi tal-Kunsill. L-istima provduta mingħand Haber Services tammonta għal €495.60 inlkluż il-provviżżjon u l-installazzjoni tal-pompa. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi dwarha.

36.5.8 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand il-Patrijiet ta' San Franġisk Għajnsielem, fejn talbu lil Kunsill jikkollabora magħhom fl-organizazzjoni ta' serata miż-żewġ kantanti magħrufa Chiara u Ludvik. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas l-ispejjes ta' kantant minnhom li jammonta għal €300.

36.5.9 Sar qil li għandna niċċekjaw jekk *double yellow lines* li saru riċentament fi Triq Simirat jekk humiex bil-permess ta' Transport Malta.

36.5.10 Ġiet trattata l-petizzjoni miġbura mingħand Mark Bajada ta' Triq Speditu Tabone rigward rimedju minħabba l-ilma li qed iżomm fit-triq. Sar qbil li għandna nerġgħu nikkuntatjaw lil Perit u naraw li noħorġu bl-aħjar soluzzjoni.

36.5.11 Ġiet trattata l-ittra mingħand Care Malta Ltd rigward in-nominazzjoni tal-Award Nazzareno Vassalllo għall-inizjattiviti favur il-kura tal-anzjani. Sab qbil għandna ninnominaw lis-Sur Anthony Grech.

36.5.12 Ġiet trattata t-talba mingħand Miriam Xuereb rigward il-problema li teżisti fit-taħwid tan-numerazzjoni tal-isqaqien fi Triq l-Imġarr. Hija qed tgħid li r-residenza tagħha tinsab fi Sqaq numru 3 iżda f'xi kuntratti dan huwa rreġistrat bħala numru 4. Hija tixtieq dikjarazzjoni b'avukat tal-Kunsill fejn jiddikjara li kien sar żbal meta twaħħlu l-ismijiet tal-isqaqien. Din il-problema ilha tippersisti u anke d-Dipartiment tal-ismijiet tat-Toroq ġibdulna l-attenzjoni dwarha. Is-Segretarja preżentat pjanta mid-Dipartiment tal-Artijiet u ritratti dwar kif filfatt huma msemmija l-isqaqien. Sar qbil li għandna ninkarigaw Nutara Ann Marie Mizzi sabiex nitolbu lil Lands Department biex jagħtuna pjanta kif inhuma rregistrati magħhom oriġinarjament.

36.5.13 Ġie trattat l-ilment mingħand l-assistent tal-latrina tal-Mgarr fejn talab sabiex jiġu nstallati xi *cameras* peress li qed isib ħafna ilma mxerred ma l-art. Il-Kunsill qabel li ma għandux jinstalla cameras fil-latrini u jekk il-każ jippersisti għandu jsir rapport mal-pulizija.

36.5.14 Ġiet trattat l-ilment mingħand Maureen Apap sabiex tissewwa r-rampa ta' quddiem il-gym peress li qed iżomm l-ilma.

## 36.6 Wara Bethlehem f'Għajnsielem

36.6.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għad-disa' edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem bħala waħda ta' suċċess u kollox juri li dan huwa proġett b'saħħtu ħafna. Huwa semma li bħala proġett akkwisstajna ħafna kuntatti ma' pajjiżi barranin. Bħala għaqdiet jinsab daqxejn iddiżappuntat li ma mxewx kif mixtieq. Bħala attendenza kienet waħda inkoraġġanti ħafna.

36.6.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-DNO ta' Bethlehem f'Għajnsielem għal din is-sena u għal fatt li ma ġiex approvat. Huwa esprima l-konċern tiegħu dwar ir-responsabilita' ta' nuqqas ta' permess delikat bħal dan f'każ li tinqala xi ħaġa. Il-kunsilliera qablu li huwa mportanti li jkollna bil-miktub li xi ħadd qed jassumi r-responsabilita' f'nuqqas ta' permess bħal dan.

36.6.3 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Ministru għal Għawdex refgħet ir-responsabilita' hi għal din is-sena bil-patt li nlestu pjan ħolistiku biex nippreparaw matul is-sena għal dan il-permess. Jekk ser nibqgħu mdendlin b'dan il-permess il-Ministeru għal Għawdex għandu wkoll jassumi parti mir-responsabilita'.

36.6.4 Sar qbil li għandna nitolbu laqgħa urġenti mal-Ministru għal Għawdex rigward il-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

36.6.5 Rigward id-dar ta' Santa Clause ntlaqgħet tajjeb ħafna u jekk ser inkabbru tajjeb li nitolbu għal pjan.

36.6.6 Is-Sindku propona li jitwaqqaf Sotto Kumitat għal Kultura li jassisti l-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem u anke f'attivitajiet kulturali u dawk tal-anzjani.

36.6.7 Is-Sindku talab sabiex tibda ssir riċerka ta' postijiet barra minn Malta li jagħmlu presepju ħaj biex issir komunikazzjoni magħhom.

## 36.7 Karnival 2018

36.7.1 Il-Kunsill qabel li l-attivita' tal-Kunsill tal-Karnival 2018 ser issir nhar is-Sibt 10 ta' Frar fit-3pm.

36.7.2 Sar qbil li għandhom isiru l-kompetizzjonijiet tas-soltu kif ukoll il-kukkanja għal kbar u żgħar. Sar qbil li għandha tiżdied kategorija għall-aħjar raġel liebes ta' mara. Premju jkun €100.

36.7.3 Sar qbil li bħala parteċipanti ta' danez u karrijiet il-Kunsill ma għandux jaqbeż il-budget ta' €2500.

36.7.4 Sar qbil ukoll li bħala prezentatur jew preżentatriċi tal-attivita' għandna nikkuntatjaw lid-Dulli u Veronica jew Eileen Montesin jew Ron.

## 36.8 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Għazla tat-Tender tar-Resurfacing Triq J F de Chambray

36.8.1 Is-Segretarja preżentat ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni għal din l-offerta għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ir-rapport jirrakkomanda li l-għażla tingħata lill-orħos offerta dik ta' Road Construction Co Ltd għal prezz ta' €9248. L-offerta l-oħra mitfugħa kienet mingħand Gatt Tarmac Ltd għal prezz ta' €9475.

36.8.2 Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni u li għandu jibgħat il-Letter of Acceptance.

36.8.3 Sar qbil li għandna ninkludu estenzjoni żgħira tal-*waterculvert*. Sar qbil li għandna nibdew ix-xogħol malajr billi nużaw fejn nistgħu l-ħaddiema tal-Kunsill.

## 36.9 Ħatra ta' Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender tat-Tarag̀ tal-Pjazza

36.9.1 L-offerta għal dan ix-xogħol għalqu u ntefgħu tlett offerti mingħand :-

- Little Rock Quarry għal prezz ta' €63,965.70
- LBV Ltd għal prezz ta' €60,000.06
- SBG Holding Ltd għal prezz ta' €133,565.00

36.9.2 Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-orħos offerta qabżet il-budget tal-offerta b'6 *cents*. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsidra l-fatt li hemm klawsola fit-tender li l-Kunsill jista jagħti estenzjoni ta' 10% tal-budget stipulat.

36.9.3 Wara li ntefgħu l-offerti għal din l-offerta, imiss issa li ssir l-evalwazzjoni ta' din l-offerta kemm jista jkun malajr. Sar qbil li bħala membri tal-Bord tal-Evalwazzjoni għandhom ikunu l-Perit Shawn Micallef, l-Avukat Joshua Grech, ċ-Chairman il-kunsillier Larry Buttigieg, l-Accountant Pauliana Said u s-Segretarja Lucienne Haber. Sar qbil li l-Bord għandu jiltaqa' mill-aktar fis.

## 36.10 Ħrug ta' offerta għal Triq iż-Żewwieqa

36.10.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li f'Diċembru ġiet kkuntatjat mil-Assistent Direttur Lorry Apap fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u għal fatt li talab imminenti sabiex il-Kunsill jidentifika Triq li għandu l-Bill of Quantities tagħha lesti sabiex ngħaddulu l-informazzjoni u l-Ministeru jkunu jistgħu jgħaddulna l-flus sabiex nagħmlu r-resurfacing tagħha. Huwa semma li wara li saret diskussjoni mal-Kunsilliera, sar qbil li għandna ninkludu parti minn Triq iż-Żewwieqa għal prezz ta' €80,000.

36.10.2 Il-Kunsill laqgħa b'sodisfazzjon kbir din l-għotja u sar qbil li joħroġ is-sejħa għall-offerti kemm jista jkun malajr.

## 36.11 Offerti għal Miżura 4.3 – Triq il-Briegħen u Xatt l-Aħmar

36.11.1Bi pjaċir il-Kunsill ġiet notifikat li l-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta taħt Miżura 4.3 tar-Rural Development Programme 2014-2020, ġiet aċċetta u l-budget allokat inkluż il-VAT jammonta għal €307,473. Il-programm ser jgħaddi 90% ta' dan l-ammont €276,726 u l-Kunsill irid joħroġ l-10% ko-finanzjament li jammonta għal €30,747. Ix-xogħolijiet imsemmija jinħtieġ li jkunu lest sa tmiem Ġunju 2018.

36.11.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Malta Enterprise ser tgħaddi fibre optic minn Triq il-Briegħen għal submarine fibre optic. Saret laqgħa dwar dan mal-Inġinier Cilia u peress li t-tender tagħhom għal dan ix-xogħol ser tiskadi fl-aħħar ta' Marzu u li aħna jrid ikollna x-xogħol lest sa l-aħħar ta' Ġunju, jidher li ser ikun problema biex jitlesta, iżda ġie diskuss jekk nistgħux nagħmlu t-trinka aħna u jħallsuna

hum jew inkella ssir *direct order* minn naħa tagħhom. Jidher li ser insibu kompromess dwar dan.

### 36.12 Htieġa ta' estensjoni għall-premises tal-iskola primarja

36.12.1Saret referenza għall-emails mibgħuta mill-Kap tal-Iskola Primarja Għajnsielem, Dame Marianne Zammit, fejn infurmat lill-Kunsill biż-żieda fil-popolazzjoni tat-tfal fl-iskola ta' Għajnsielem u għal fatt li l-iskola tinħtieġ li tingħata lura klassi li ġiet mgħoddija lill-Kunsill u llum qed tintuża mill-Kunsill bħala Store biex b'hekk ikun jista jkollhom klassi oħra fil-*ground floor level* tal-iskola.

36.12.2 Is-Sindku semma' li hemm kuntratt eżisenti li l-i*store* ingħata lil Kunsill. Pero sadanitant jekk il-Kunsill jista jingħata *store* bħala kumpens anke fil-kantini tal-iskola tista tiġi kkunsidrata din l-option. Il-Viċi Sindku propona li l-Kunsill, jingħata biċċa art taħt il-librerija li sservi bħala *garage* u wkoll terrazzin għat-tfal tal-iskola. Permezz t'hekk inkunu akkwistajna *garage* kbir.

36.12.3. Is-Sindku propona li jsir *agreement* li aħna ntuhom l-i*store* u huma jtuna dik il-parti biex nirrangawha. Sar qbil li f'dan l-istadju huwa importanti li nsibu l-kuntratt li sar mal-iskola jew mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u nimxu minn hemm.

### 36.13 Hruġ ta' offerti tal-Latrini

36.13.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-offerti tal-manutenzjoni tal-Latrina pubbliċi kemm dik tal-Imgarr kif ukoll dik tal-Madonna ta' Loretu, t-tnejn jinsabu skaduti u jinħtieġ li jinħarġu mill-ġdid. Sar qbil li għandna noħorġuhom għal sentejn.

36.13.2 Il-perit Sultana li kien preżenti għal-laqgħa, rrefera għall-upgrading li ser isir lil-latrini mill-EcoGozo. Sar qbil li għandu jiċċekja l-latrini tagħna humiex inklużi u dwar il-possibilita' li jgħaddi r-responsabilita' tal-latrina tal-Imgarr lil Gvern Ċentrali.

### 36.14 Pjazza Tolfa

36.14.1Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sur Paul Stellini li għamel id-disinn u l-Perit Godwin Sultana li ġie nkarigat biex jikkordina permessi neċessarji u BOQ u tender documents li hemm bżonn sabiex jiġi mplimentat il-proġett ta' Pjazza Tolfa. Is-Sindku propona li ċertu xogħol isir bil-ħaddiema tagħna. Il-Perit staqsa dwar xi dwal ser jintużaw u huwa propona li nqabdu inġinier. Il-Kunsill qabel ma' dan.

36.14.2Sar qbil li t-Target opening date tal-proġett għandu jkun l-ġimgħa tal-festa. Issemma li ser jinġab xi materjal dirett minn Tolfa. Sar qbil li għandu jsir

printing ta' xena ta' Tolfa fuq il-madum u jsir ukoll xi mosaic bl-għajnuna tat-Team Mosaic.

36.14.3Paul Stellini ta deskrizzjoni tad-disinn preparat minnu u x'materjal ser jintuża. Bħala dwal Stellini propona li jsiru *low lights.* Sar qbil li bħala travertine l-offerta tinħareġ *supply and laying.*

*36.14.4* Il-Perit Sultana ser jipprepara stima u BOQ tax-xogħolijiet meħtieġa.

## 36.15 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati

36.15.1Is-Sindku Franco Ciangura preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u taqbeż il-limitu biex tara lill-Kunsill jimxi ' l quddiem u jispikka fuq oħrajn. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u li permezz tagħha hija titħeġġeġ aktar għal aktar ħidma fejjieda.

36.15.2Is-Segretarja minn naħa tagħha rrakkommandat li l-impjegati jingħataw il-massimu tal-Performance bonus tagħhom dak ta' 6% peress li lkoll jagħmlu xogħolhom tajjeb ħafna u b'dedikazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 36.16Approvazzjoni tal-Pagamenti.

36.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-Pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti fil-lista.

## 36.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.18.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' Frar 2018 fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| **Franco Ciangura** | **Lucienne Haber** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |